



Brussell, 10 ta' Mejju 2021
(OR. en)

8337/21

LIMITE

CORLX 246
CFSP/PESC 440
CSDP/PSDC 238
EUCAP MALI 7
EUCAP SAHEL 6
COAFR 116
CONUN 69
CSC 183

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lir-Rappreżentant Għoli jiftaħ negozjati mar-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania sabiex jiġi konkluż Ftehim dwar l-istatus fil-Mauritania taċ-Ċellula ta' Konsulenza u Koordinazzjoni Reġjonali (RACC), ta' elementi oħrajn tal-missjoni tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fil-Mali (EUCAP Sahel Mali) u ta' elementi tal-missjoni tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fin-Niġer (EUCAP Sahel Niger)

1. Fit-22 ta' Mejju 2019, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2019/832¹, li tippredvi b'mod partikolari li EUCAP Sahel Niger tista' twettaq attivitajiet kif meħtieġ fil-pajjiżi tal-G5 tas-Sahel, inkluż il-Mauritania, permezz ta' skjeramenti temporanji ta' timijiet min-Niġer biex jikkontribwixxu għar-reġjonalizzazzjoni tal-azzjoni tal-PSDK fis-Sahel.
2. Għalhekk ikun meħtieġ ftehim mar-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania dwar l-istatus fil-Mauritania taċ-Ċellula ta' Konsulenza u Koordinazzjoni Reġjonali (RACC), ta' elementi oħra tal-EUCAP Sahel Mali u ta' elementi tal-EUCAP Sahel Niger.

¹ ĠU L 137, 23.5.2019, p. 64.

3. Fl-24 ta' April 2021, ir-Rappreżentant Għoli ppreżenta lill-Kunsill rakkomandazzjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lir-Rappreżentant Għoli jiftaħ negozjati mar-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania skont l-Artikolu 37 TUE u l-Artikolu 218(3) TFUE, għal ftehim dwar l-istatus fil-Mauritania taċ-Ċellula ta' Konsulenza u Koordinazzjoni Reġjonali (RACC), ta' elementi oħrajn ta' EUCAP Sahel Mali u ta' elementi ta' EUCAP Sahel Niger, fuq il-bażi tas-SOMA fis-seħħ għal EUCAP Sahel Mali fil-Mali. (dokument 8335/21).
4. Fl-10 ta' Mejju 2021, il-Grupp ta' Ħidma ta' Kunsillieri għar-Relazzjonijiet Barranin (RELEX) laħaq qbil (permezz ta' konsultazzjoni bil-miktub) dwar l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ tan-negozjati.
5. F'konformità mal-Artikolu 218(10) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-Parlament Ewropew ser jiġi informat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati mar-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania bil-ħsieb li jiġi konkluż il-Ftehim imsemmi hawn fuq.
6. Il-COREPER huwa għaldaqstant mistieden:
 - jikkonferma l-qbil dwar it-test tal-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill;
 - jirrakkomanda li l-Kunsill jadotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill² li tawtorizza l-ftuħ tan-negozjati mar-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania kif tinsab, wara l-finalizzazzjoni tat-test mill-ġuristi lingwisti, fid-dokument 8336/21;
 - jiddeċiedi, jekk ma ssir l-ebda laqgħa formali tal-Kunsill qabel il-21 ta' Mejju 2021, f'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 12(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill u l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2020/430, li l-Kunsill juża l-proċedura bil-miktub għall-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill.

² Minħabba n-natura tagħha, din id-Deċiżjoni mhix ser tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali (ara l-Artikolu 17(2)(b) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill).